# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 21**

**Appell numru 237/98**

**Anthony Muscat**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

## I PRELIMINARI

1. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar ("L-Awtorita") harget fid-29 ta' Jannar 1998 kontra Anthony Muscat ("l-appellant") avviz biex tieqaf u ta' twettiq.

F'dana l-avviz gie allegat illi l-appellant ghandu zvilupp minghajr permess li jikkonsisti f'hajt b'xatba u bidla fl-uzu ta' l-istess sit konsistenti fi tqeghid ta' materjal ta' scrap fi sit fi Wied is-Sir, Mosta.

Huwa nghata sittax-il gurnata zmien sabiex iregga' kull zvilupp li ghandu minghajr permess ghall-istat originali tieghu ;

Ra l-appell tal-Avukat Dottor Pawlu Lia LL.D. f'isem l-appellant li jaqra kif gej :-

> "Bil-prezenti Anthony Muscat ta' Muscat House, Wied is-Sir , Mosta, qed jappella mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar taht l-artikoli 51 u 52 tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilipp (Rif.ECF/166/98/ENMU/NENF) fejn gie allegat li hemm ksur ta' kontroll ta' l-ippjanar fi triq Wied is-Sir, Mosta, billi allegaw li l-mittent ghandu zvilupp minghajr permess li jikkonsisti f'hajt b'xatba w bidla fl-uzu ta' l-istess sit konsistenti fi tqeghid ta' materjal ta' *scrap* f'dan is-sit. L-Awtorita' ordnat lill-mittent li jregga' lura kull haga li ghamel minghajr permess fl-istat originali taghha fi zmien 16 gurnata."

2. Fil-5 ta' Frar 1998, l-appellant appella minn dana l-avviz quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord"). Huwa sostna li dak allegat mhuwiex minnu. Testwalment irrileva fl-appell tieghu tieghu hekk :-

> "Il-hajt madwar is-sit kien inbena mill-gvern meta wessa' t-triq. Originarjament il-hajt kien gholi tlettax-il filata pero' l-gvern kien ghamlu baxx ferm izjed. Hitan ta' gewwa u xatba kienu ezistenti. Dwar il-materjal ta' *scrap* li jinsabu f'dan is-sit, dan mhux proprjeta' tal-mittenti u ghalhekk ma ghandu ebda jedd fuqu.
>
> Is-sit in kwistjoni la huwa proprjeta' tal-mittenti u anqas mikri lilhom."

3. Fir-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar intqal hekk :-

> "Illi minkejja r-ragunijiet moghtija fl-appell, fis-sit in kwistjoni jirrizulta li fid-data tal-hrug ta' l-avviz tat-twettiq, kien ghad hemm zvilupp li jikkonsisti f'hajt b'xatba u bdil fl-uzu ta' l-istess sit

konsistenti fi tqeghid ta' *scrap* fl-istess sit, dan kollu minghajr permess kif sejjer jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi fil-konfront tax-xatba, t-tifel ta' l-appellant ammetta ma' l-*enforcement officers* Tony Baldacchino u Joe Cassar li x-xatba kienet saret mill-familja ta' l-appellant. Jirrizulta wkoll li skond informazzjoni li taw l-appellant u membri tal-familja tieghu almenu parti mill-*iscrap* hu ta' l-appellant.

Illi ghal kull bon fini jigi sottomess li skond l-artikolu 52 ta' l-Att Numru I tan-1992, l-avviz tat-twettiq jista' jigi mahrug kemm fuq is-sit kif ukoll fuq kull min jokkupa s-sit fejn ikun sehh l-izvilupp.

Hemm hajt b'xatba kif ukoll bdil materjali ta' l-uzu. Mort ma' Joe Cassar, *Enforcement Officer*. Hadt ir-ritratti. Kien hemm *scrap material*. Il-materjal naqas. Ghal fadal materjal. Ir-ritratti gbidthom jien. L-*enforcement* hareg ukoll fuq Anthony Montebello. Hemm ukoll ritratt tax-xitba fil-file. It-tifel ta' l-appellant qalli li x-xatba saret minnu stess flok it-tankijiet.

Kontro-ezami :-

Dwar il-gaffa u t-*truck* dawn qed jintuzaw *on site*. Dak li rajt huwa minn wara c-cint."

4. Il-Bord iddecieda l-kaz fit-18 ta' Settembru 1998. Huwa cahad l-appell fuq is-segwenti motivazzjoni :-

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq huwa korrett. Mhux biss dan jista' jigi konstatat mix-xhieda tal-*Enforcement Officer* imma anki mir-ritratti fl-*enforcement file*. Dwar il-kwistjoni tal-proprjeta', il-Bord hu sodisfatt li l-appellant huwa l-okkupant ta' l-art in kwistjoni u ghalhekk l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq hareg korrettament ;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord, wara li ra d-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (6) ta' l-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, qed jichad l-appell, jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq u jordna li l-avviz ta' twettiq ghandu jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata mil-lum."

## II L-APPELL

5. L-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni fil-Bord u ghalhekk interpona appell quddiem dina l-Qorti. Fl-appell tieghu, l-appellant irribadixxi l-bazi li kien espona quddiem il-Bord u talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija decizjoni tal-Bord.

6. L-awtorita' wiegbet li l-appell kien null stante li kien bazat fuq fatti u mhux fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord, u ghalhekk l-istess Awtorita; talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Skond il-ligi tal-Ippjanar, din il-Qorti tista' tissendika d-decizjonijiet tal-Bord biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Din il-Qorti, ma ghandhiex gurisdizzjoni li tissindika kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord.

8. L-appellant jallega li huwa mhuwiex il-legittimu kontradettu billi :-

> "huwa f'raba' mizmum minn terzi li hemm scrapyard ………. Fis-sit li jahdem hu (l-appellant) kien tnehha kull materjal li kien hemm u kienet intefghet il-hamrija."

9. Il-kwistjoni sollevata mill-appellant hija biss kwistjoni ta' fatt li giet investigata u deciza mill-Bord. Infatti, l-Bord sema' l-provi li ressqulu l-kontendenti u ddecieda li l-appellant kien l-okkupant ta' l-art in kwistjoni

u li ghalhekk l-avviz in kwistjoni kien hareg korrettement kontrih skond il-ligi.

Evidentement, din id-decizjoni tal-Bord, in kwantu hija unikament kwistjoni ta' fatt, m'hijiex sindakibbli minn din il-Qorti.

10. Aggravju iehor tal-appellant huwa li l-Bord kiser il-ligi meta huwa

> "ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li qabel ma hareg l-avviz mill-awtorita' originarjament il-bini tal-hajt u aktar l-ezistenza tax-xatba kienet diga' tezisti minn zmien ilu."

Anke din is-sottomissjoni ma tinvolvix kwistjoni legali. L-appellant ma ressaq ebda provi quddiem il-Bord dwar l-ezistenza o meno ta' xi permessi relattivi. Il-Bord iddecieda l-kaz fuq il-provi li tressqu quddiemu u din il-Qorti, hija marbuta ma' l-apprezzament u l-valutazzjoni li ghamel il-Bord dwar dawk il-provi.

11. Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' li l-appell hu null ghax mhux bazat fuq xi punt ta' ligi deciz mill-Bord, hija fondata.

12. Ghal dawn il-motivi ;

Tilqa' din l-eccezzjoni u tichad l-appell u tordna li l-avviz ta' twettiq in kwistjoni jigi fis-sehh fi zmien sittax-il (16) gurnata mil-lum.

Dep/Reg

mg